**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tal-1 ta' GUNJU, 2001**.

Citazzjoni Numru 772/99

fl-ismijiet:

**Carini Cold Stores Limited**

**Vs.**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi il-konvenut xtara kwantita ta' madum minghand is-socjeta attrici "Carini Stores Limited", liema madum gie lilu debitament konsenjat;

Illi fuq dan il-madum huwa ghad baqghalu ihallas lis-socjeta attrici l-bilanc ta' elf, mija u sitt liri maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lml,l06.45c), u dana kif jidher mill-istatement hawn unit u markat Dokument "A";

Illi l-ammont fuq indikat ta' Lml,l06.45c huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli l67-

l70 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili biex il-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smiegh;

Illi is-socjeta istanti interpellat lill-konvenut inutilment biex ihallas il-bilanc minnu dovut;

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid il-ghaliex, ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

l. Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza, u dana skond l-artikoli l67-l70 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Ka. L2);

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ Lml,l06.45c bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ madum lilu mibjugh u konsenjat kif fuq inghad.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Jannar, 2001 u tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentat kontestwalment ma dina c-citazzjoi, u bl-imghax legali mis-26 ta’ Awissu, l998 id-data tal-konsenja tal-madum, kontra il-konvenut li gie personalment ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li il-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa kontumaci u fis-seduta tallum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher. Peress li fic-cirkostanzi it-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa

tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef

Dep. Registratur